MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 217/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Vella Chloe Daniela (ID 318293M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tlettax-il ewro u sitta u disghin centezmu (€613.96c), in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (A/C40195958), u li jinkludi telefon 21460711; servizz ta' televizjoni 1425100249 u 1425124182, u servizz ta' internet.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet inkuz dawk tal-ittra ufficjali 2587/13, u bl-imghaxijiet legali sa mit-30 t’Ottubru, 2013, data msemmija tal-ittra ufficjali.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A – Prospett – AC40195958

Dok B – Kuntratt

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 2587/13

Ra mill-atti illi l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 t’ Ottubru, 2014 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici fl-ammont ta’ sitt mija u tlettax-il ewro u sitta u disghin centezmu (€613.96c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------